**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Ġunju, 2019

Rikors Numru: 102/18 AL

**A B**

Vs

**C D, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2018 C D ġiet maħtura bħala kurattriċi biex tirrapreżenta l-interessi tal-minuri E D.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippreżentat fil-25 t'April 2018 li permezz tiegħu r-rikorrent ippremetta:

1. Illi minn relazzjoni li kellu mal-intimata twieled it-tifel-E D (data tat-twelid 29 t' Ottubru 2014).

2. Illi minkejja li l-intimata kienet taf sewwa li huwa kien missier it-tifel, hija rrifjutat li tniżżel isem l-esponent fuq ċertifikat tat-twelid.

3. Illi minkejja illi r-rikorrent għamel diversi tentattivi sabiex din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata, l-intimata baqgħet inadempjenti.

4. Illi permezz t' ittra uffiċjali mibgħuta fil-15 ta' Diċembru 2017 (Dok A), l-esponent għarraf lill-intimata uffiċjalment li hu kien ser japplika għar-reġistrazzjoni sabiex jagħraf lil minuri E D imwieled fid-29 ta' Ottubru 2014, bħala ibnu naturali ai termini tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Illi l-intimata ġiet debitament notifikata bl-ittra uffiċjali.

6. Illi hija ma ppreżentat l-ebda nota fir-reġistru u għalhekk l-esponent kellu jippreżenta dan ir-rikors.

7. Illi l-esponent jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talab li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex :

1. Taħtar espert xjentifiku tad-DNA sabiex jikkonferma illi l-minuri E huwa iben ir-rikorrent,

2. F' każ illi jirriżulta xjentifikament illi l-minuri E huwa iben ir-rikorrent, tiddikjara lill-esponent A B bħala l-missier naturali tal-minuri E D imwieled nhar id-29 t' Ottubru 2014.

3. Tordna r-reġistrazzjoni tar-rikonoxximent tal-istess E D bħala wild naturali ta' A B fl-atti tal-istat ċivili relattivi u li l-minuri jingħata l-kunjom B D.

Bl-ispejjeż kollha inkluż l-ittra uffiċjali datata 15 ta' Diċembru 2018 kontra l-intimata mil-llum inġunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhied tal-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku a fol 13 li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti hija tal-umli fehma illi għall-integrita' tal-ġudizzju, il-minuri E D għandu jkun parti minn din il-kawża, debitament rappreżentat ai termini tal-artikolu 781, 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu, l-esponenti jistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi stante s-suespost, f' dan l-istadju l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din il-Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100 A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri E D;

4. Illi bla ħsara għas-suespost f' każ li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrent minn din il-Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-Karta tal-Identita', (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tiegħu meta' twieled E D, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post tar-residenza tiegħu meta' twieled E D, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta' twieled E D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri E D;

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b' mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m' għandiex tiġi assoġettata għall-ispejjeż tal-kawża isD;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ;

Rat ir-risposta tal-konvenuta C D a fol 15 li permezz tagħha esponiet:

1. Illi preliminarjament n-nullita' tar-rikors ġuramentat stante li l-minuri E D ma huwiex parti fil-kawża;

2. Illi l-paternita' tal-minuri E jista' jiġi determinata deffinittivament biss wara li jsiru testijiet ġenetiċi appożiti;

3. Illi r-rikorrent A B qatt ma aġixxa ta' missier għal minuri, la qatt ma kien preżenti fil-ħajja tal-minuri, la qatt talab li jkollu aċċess u lanqas qatt ma offra manteniment għal-minuri.

4. Illi meta' r-rikorrent ġie a konoxxjenza tal-fatt li l-esponenti kienet tqila huwa kien ċar magħha li huwa ma huwiex ser ikun parti mill-ħajja tal-minuri u dan kif ser jiġi pprovat fil-mori tal-kawża;

5. Illi b'referenza għat-tielet talba kemm il-darba jirriżulta minn testijiet ġenetiċi li l-minuri E huwa wild naturali ta' A B, l-esponenti tirrispondi li ma huwiex fl-aħjar interess tal-minuri li ma jibqax magħruf bil-kunjom 'D';

6. Illi l-esponenti qed topponi għal-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta C D ;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż ir-rapport xjentifiku tad-DNA redatt minn Dottor Marisa Cassar u minnha debitament maħluf u kkonfermat fil-21 ta' Jannar 2019;

Rat illi l-attur ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili u permezz tal-ittra ddatata il-15 ta' Diċembru 2017 huwa nforma lill-konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri E bħala ibnu.

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri E imwieled lill-konvenuta C D, fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) . Sal-lum, dan il-minuri huwa rreġistrat bħala iben missier mhux magħruf u jġorr il-kunjom tal-omm, ossia D.

Illi l-Qorti dejjem irritjeniet li l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern, ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri E. Illi l-Qorti tista' sserraħ fuq ix-xiehda mogħtija minn Dottor Marisa Cassar , illi bil-ġurament ikkonfermat li hija ġabret il-kampjuni orali ta' C D, tal-minuri E D imwieled fid-29 t'Ottubru 2014 u ta' A B) sabiex setgħu isiru t-testijiet tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet ix-xhud, irriżulta illi A B K.I. huwa l-missier naturali tal-minuri E. M'hemmx ħtieġa ta' analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-intimata possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-attur, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri E.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi, debitament maħufa, illi effettivament il-minuri E D huwa l-iben naturali u bijoloġiku tal-attur A B. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita` tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi

miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li A B huwa l-missier naturali tal-minuri E.

Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur.

Rat illi d-dettalji tal-attur A B, ai fini tar-reġistrazzjoni tiegħu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, huma s-segwenti :

1) Isem u kunjom: A B
2) Id-dokument tal-identita`: XX
3) L-eta` tiegħu meta twielet il-minuri: sitta u għoxrin (26) sena
4) Il-post tat-twelid ta' A B: X
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: XX
6) Isem u kunjom missieru: F B
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

Dwar kunjom il-minuri

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa li l-partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri E D u dan a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-attur kemm fir-rikors ġuramentat kif ukoll fin-nota tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2018 jitlob lill-Qorti sabiex il-minuri jkun magħruf bil-kunjom "B D". L-omm, ossia l-konvenuta C D, ma taqbilx u hija tal-fehma illi l-minuri jibqa' magħruf bil-kunjom "D". Hija tissottometti illi l-minuri diġa għandu erba' snin u jattendi l-iskola primarja. L-attur m'għandu l-ebda relazzjoni mal-minuri u għalhekk fil-fehma tagħha m'huwiex fl-interess tal-minuri li jkun magħruf ukoll bil-kunjom tal-missier.

Il-Qorti tikkonsidra illi l-minuri għad għandu eta` tenera ta' erba' snin, u fil-fehma tagħha ma tista' ssir ebda ħsara jew riperkussjonijiet negattivi serji lill-minuri jekk ikun hemm tibdil fil-kunjom tiegħu ta' din l-eta`. Il-konvenuta tilmenta illi l-attur m'għandu l-ebda rapport mal-

minuri iżda huwa evidenti li hija kienet komda bis-sitwazzjoni għaliex m'għamlet l-ebda tentattiv min-naħa tagħha sabiex il-paternita` ta' binha tkun żvelata. Pjuttost illi xekklet il-proċess għaliex ma rrispondietx l-ittra tal-attur mibgħuta lilha lejn it-tmiem tas-sena 2017 meta l-minuri kien għad għandu biss tliet snin. Ir-rapport bejn missier u iben seta' ilu li beda u kieku tassew li l-omm kellha l-interess ta' binha bħala prijorita` kienet tfittex tiffaċilita l-proċess t'integrazzjoni bejn il-missier u l-iben u mhux ittawlu. Illi b'hekk jirriżulta illi l-oġġezzjoni imressqa mill-konvenuta rigward kunjom il-minuri hija tassew infondata.

Il-Qorti tara illi m'hemm l-ebda raġuni fil-fatt u fid-dritt għaliex il-minuri m'għandux ikun magħruf bil-kunjom "B D" u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat XXXX

Dwar il-kap tal-ispejjeż

Hija fehma tal-Qorti illi dawn il-proċeduri setgħu ġew evitati kieku l-konvenuta D għażlet illi tadopera l-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan in-nuqqas mhux biss ħela ż-żmien iżda wkoll żied l-ispejjeż. Għal din ir-raġuni, il-Qorti hija tal-fehma li għandha tkun il-konvenuta D waħidha illi tbati l-ispejjeż tal-preżenti.

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u konsegwentement:

1. Tiddikjara illi l-attur A B huwa l-missier naturali tal-minuri E imwieled lill-konvenuta fid-29 ta' Ottubru 2014.

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid relattiv għall-minuri E, innumerat XXXX huwa jikkanċella l-kliem

‘unknown father’ u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B kif jirriżultaw aktar ’il quddiem f’din is-sentenza;

3. Tordna illi l-minuri E ikun magħruf bil-kunjom “B D” u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f’dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat XXXX

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi esebiti, ikunu sopportati esklussivament mill-konvenuta C D.